



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 13 ta' Mejju 2019
(OR. en)

8662/19

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0078 (NLE)

PECHE 190

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni tal-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' Cape Verde (2019-2024)
----------	---

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) ...

ta' ...

**dwar il-konklużjoni tal-Protokoll dwar l-implimentazzjoni
tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd
bejn il-Komunità Ewropea
u r-Repubblika ta' Cape Verde (2019-2024)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43 tiegħu, flimkien mal-Artikolu 218(6)(a)(v) u mal-Artikolu 218(7),

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew¹,

¹ Approvazzjoni ta' ... (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

Billi:

- (1) Fid-19 ta' Diċembru 2006, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 2027/2006¹ biex ikkonkluda l-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' Cape Verde² ('il-Ftehim'). Il-Ftehim daħal fis-seħħ fit-30 ta' Marzu 2007, ġie mġedded b'mod taċitu u għadu fis-seħħ.
- (2) Il-Protokoll preċedenti għall-Ftehim skada fit-22 ta' Diċembru 2018.
- (3) Il-Kummissjoni Ewropea nneozjat Protokoll ġdid f'isem l-Unjoni. Bħala riżultat ta' dawk in-negozjati, il-Protokoll il-ġdid ġie inizjalat fit-12 ta' Ottubru 2018.

¹ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2027/2006 tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' Kap Verde (ĠU L 414, 30.12.2006, p. 1).

² ĠU L 414, 30.12.2006, p. 3.

- (4) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/... ¹⁺, il-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' Cape Verde (2019-2024) ('il-Protokoll') ġie ffirmat fil-...⁺⁺.
- (5) Il-Protokoll ġie applikat fuq bażi provviżorja mid-data tal-iffirmar tiegħu.
- (6) L-għan tal-Protokoll huwa li jippermetti lill-Unjoni u lir-Repubblika ta' Cape Verde jaħdmu aktar mill-qrib bejniethom biex jippromwovu politika tas-sajd sostenibbli, l-użu responsabbli tar-riżorsi tas-sajd fl-ilmijiet ta' Cape Verde, u l-isforzi ta' Cape Verde biex jiżviluppa ekonomija blu.
- (7) Jenħtieġ li l-Protokoll jiġi approvat.
- (8) L-Artikolu 9 tal-Ftehim jistabbilixxi l-Kummissjoni Konġunta inkarigata mill-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tiegħu. Barra minn hekk, skont dak l-Artikolu, u l-Artikolu 6(3) u l-Artikolu 7(1) u (2) tal-Protokoll, il-Kummissjoni Konġunta tista' tadotta ċerti modifiki għall-Protokoll. Sabiex tiġi ffaċilitata l-approvazzjoni ta' tali emendi, jenħtieġ li l-Kummissjoni Ewropea tkun awtorizzata, suġġett għal kondizzjonijiet sostantivi u proċedurali speċifiċi, tapprovahom fisem l-Unjoni taħt proċedura simplifikata.

¹ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/... ta' ...dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' Cape Verde (2019-2024) (ĠU L ...).

⁺ ĠU: daħħal in-numru serjali tad-Deċiżjoni tal-Kunsill li tinsab fid-dokument ST 8655/19 u imla n-nota korrispondenti f'qiegħ il-paġna.

⁺⁺ ĠU: daħħal id-data tal-iffirmar tal-Protokoll.

- (9) Jeħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni dwar il-modifiki għall-Protokoll tiġi stabbilita mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri. L-emendi proposti jkunu aċċettati dment li ma jkunx hemm minoranza li timblokka, skont l-Artikolu 16(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, ta' Stati Membri li joġġezzjonaw fil-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri.
- (10) Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata mill-Unjoni fil-Kummissjoni Konġunta dwar kwistjonijiet oħra jenħtieġ li tiġi ddeterminata skont it-Trattati u forom stabbiliti ta' prattika,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' Cape Verde (2019-2024) huwa b'dan approvat fisem l-Unjoni¹⁺.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu, fisem l-Unjoni, jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 16 tal-Protokoll.

Artikolu 3

Skont il-proċedura stabbilita fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni Ewropea għandha tkun awtorizzata tapprova, fisem l-Unjoni, il-modifiki għall-Protokoll li għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni Konġunta stabbilita taħt l-Artikolu 9 tal-Ftehim.

¹ It-test tal-Protokoll jiġi ppubblikat fi ... flimkien mad-Deċiżjoni dwar l-iffirmar.

⁺ ĠU: imla n-nota ta' qiegħ il-paġna.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

ANNESS

PROĊEDURA GĦALL-APPROVAZZJONI TA' MODIFIKI GĦALL-PROTOKOLL LI GĦANDHOM JIĠU ADOTTATI MILL-KUMMISSJONI KONĠUNTA

Fejn ikun meħtieġ li l-Kummissjoni Konġunta tadotta modifiki għall-Protokoll skont l-Artikolu 5, l-Artikolu 6(3), u l-Artikolu 7(1) u (2) tal-Protokoll, il-Kummissjoni Ewropea għandha tkun awtorizzata tapprova l-modifiki proposti fisem l-Unjoni, taħt il-kondizzjonijiet li ġejjin:

- (1) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tiżgura li l-approvazzjoni fisem l-Unjoni:
 - (a) tkun konformi mal-għanijiet tal-Politika Komuni tas-Sajd;
 - (b) tkun konsistenti mar-regoli rilevanti adottati minn organizzazzjonijiet reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd u tqis il-ġestjoni konġunta minn Stati kostali;
 - (c) tqis l-aħħar informazzjoni statistika, bijoloġika u rilevanti oħra mibgħuta lill-Kummissjoni Ewropea.
- (2) Qabel ma l-Kummissjoni Ewropea tapprova l-modifiki proposti fisem l-Unjoni, il-Kummissjoni Ewropea għandha tressaqhom quddiem il-Kunsill kmieni biżżejjed qabel il-laqgħa rilevanti tal-Kummissjoni Konġunta.
- (3) Il-konformità tal-modifiki proposti mal-kriterji stabbiliti fil-punt 1 ta' dan l-Anness tiġi vvalutata mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri.

- (4) Dment li għadd ta' Stati Membri ekwivalenti għal minoranza li timblokka fil-Kunsill skont l-Artikolu 16(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea ma joġġezzjonawx għall-modifiki proposti, il-Kummissjoni Ewropea għandha tapprovahom fisem l-Unjoni. Jekk ikun hemm tali minoranza li timblokka, il-Kummissjoni Ewropea għandha tiċħad il-modifiki proposti fisem l-Unjoni.
- (5) Jekk, matul laqgħat ulterjuri, inklużi dawk fuq il-post, ikun impossibbli li jintlaħaq qbil, il-kwistjoni għandha tgħaddi għal darba oħra quddiem il-Kunsill, skont il-proċedura prevista fil-punti 2 sa 4, sabiex il-pożizzjoni tal-Unjoni tiegħu kont ta' elementi ġodda.
- (6) Il-Kummissjoni Ewropea hija mistiedna biex, fi żmien debitu, tiegħu kwalunkwe pass meħtieġ bħala segwitu għad-deċiżjoni tal-Kummissjoni Konġunta, inklużi, fejn xieraq, il-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni rilevanti f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u l-preżentazzjoni ta' kwalunkwe proposta meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dik id-deċiżjoni.
- (7) Fi kwistjonijiet oħra, li ma jikkonċernawx modifiki għall-Protokoll skont l-Artikolu 5, l-Artikolu 6(3), u l-Artikolu 7(1) u (2) tiegħu, il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata mill-Unjoni fil-Kummissjoni Konġunta għandha tiġi ddeterminata skont it-Trattati u forom stabbiliti ta' prattiki ta' ħidma.
-